REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1192

tal-14 ta' Marzu 2023

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir- rigward ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kontenut tal-arranġamenti u l- proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġi ta' riżoluzzjoni

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/23 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1095/2010, (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 600/2014, (UE) Nru 806/2014 u (UE) 2015/2365 u d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2007/36/KE, 2014/59/UE u (UE) 2017/1132 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(7), ir-raba' subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata l-governanza omoġenja tar-riżoluzzjoni tas-CCPs madwar l-Unjoni, il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni stabbiliti skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/23 jenħtieġ li jiddependu fuq sett ta' regoli ta' funzjonament kondiviżi b'mod komuni.

(2) Il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni għandhom jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari fl-istadji preparatorji tal-irkupru u r-riżoluzzjoni, billi jlaqqgħu flimkien l-awtoritajiet kompetenti rilevanti kollha, il-membri rilevanti tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali, banek ċentrali tal-ħruġ tal-muniti rilevanti tal-Unjoni tal-istrumenti finanzjarji kklerjati, il-ministeru rilevanti, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA).

(3) Sabiex jiġi żgurat li t-teħid tad-deċiżjonijiet, il-proċessi tal-skambju tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ikunu effiċjenti u effettivi, l-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jinkludu d-dispożizzjonijiet organizzazzjonali meħtieġa. B'mod partikolari, il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jagħraf il-bżonn li jiġu stabbiliti substrutturi flessibbli fi ħdan il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni sabiex iwettaq il-funzjonijiet tiegħu u jiġi żgurat li l-membri jkunu jistgħu jikkontribwixxu b'mod xieraq fir-rigward tal-attivitajiet varji tal-kulleġġ.

(4) L-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jinkludu wkoll id-dispożizzjonijiet operazzjonali meħtieġa. Dawk id-dispożizzjonijiet operazzjonali jenħtieġ li jippermettu lill-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni jikkoordinaw l-input tagħhom fil-kulleġġ superviżorju stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li qegħdin ikopri l-operat ta' kuljum tas-CCP. Barra minn hekk, dawk id-dispożizzjonijiet operazzjonali jenħtieġ li jiffaċilitaw il-kompitu tal-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni li jorganizzaw l-analiżi, il-kunsiderazzjoni u l-evalwazzjoni tal-input li jirċievu mill-kulleġġ superviżorju. Għalhekk, jenħtieġ li l-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub jinkludu proċess ta' komunikazzjoni bejn il-kulleġġ superviżorju u l-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

(5) Sabiex tiġi żgurata r-robustezza tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, l-effiċjenza tal-proċessi interni tiegħu, u l-koordinazzjoni effiċjenti mal-kulleġġ superviżorju, il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jenħtieġ li jibbaża fuq sett ta' regoli operazzjonali li jirregolaw il-funzjonament tal-laqgħat tal-kulleġġ, l-iskambju ta' informazzjoni fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u l-arranġamenti ta' komunikazzjoni.

([1]) ĠU L 22, 22.1.2021, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1).

(6) Sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri operazzjonali jkunu effettivi sabiex tiġi indirizzata emerġenza, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP jenħtieġ li twettaq testijiet xierqa sabiex il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jkun lest jaġixxi u jwieġeb f'tali xenarju.

(7) Huwa meħtieġ ippjanar f'waqtu u realistiku għall-proċessi ta' deċiżjonijiet konġunti kollha sabiex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet bla xkiel u effiċjenti. Kull awtorità involuta f'dawk il-proċessi jenħtieġ li tipprovdi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP il-kontribut tagħha fir-rigward tad-deċiżjoni konġunta rispettiva b'mod f'waqtu u effiċjenti u f'konformità mal-iskedi ta' żmien miftiehma għad-deċiżjoni konġunta rispettiva.

(8) Hemm bżonn li jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet konġunti jittieħdu b'mod veloċi u fil-ħin. Dan huwa ta' importanza partikolari għal deċiżjonijiet dwar ir-riżoluzzjoni iżda huwa rilevanti wkoll għall-ippjanar tar-riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-awtoritajiet involuti fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet konġunti jingħataw biżżejjed żmien sabiex jesprimu l-fehmiet tagħhom. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti l-istadji sabiex tintlaħaq kwalunkwe deċiżjoni konġunta, filwaqt li jiġi rikonoxxut li wħud minn dawn l-istadji jistgħu jitwettqu b'mod parallel u oħrajn b'mod sekwenzjali.

(9) Sabiex tiġi żgurata l-komparabbiltà tal-proċessi u l-eżiti, u għalhekk tinkiseb konverġenza fost il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni differenti, hemm bżonn li jiġu stabbiliti regoli uniformi dwar il-proċess u d-dokumentazzjoni meħtieġa għat-teħid ta' deċiżjonijiet konġunti fi ħdan il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni.

(10) Barra minn hekk, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit il-qafas proċedurali għall-awtorità ta' riżoluzzjoni, għall-awtoritajiet li huma membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u, fejn xieraq, għall-awtoritajiet kompetenti ta' partijiet terzi u għall-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni sabiex jistinkaw għal ippjanar ta' riżoluzzjoni effiċjenti u fattibbli anke fin-nuqqas ta' deċiżjonijiet konġunti.

(11) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-ESMA.

(12) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li dan ir-Regolament huwa bbażat fuqhom, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Konċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

ORGANIZZAZZJONI OPERAZZJONALI TAL-KULLEĠĠI TA' RIŻOLUZZJONI

Artikolu 1

Identifikazzjoni tal-membri u l-osservaturi potenzjali tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tidentifika l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) 2021/23 u għandha tidentifika l-osservaturi potenzjali msemmija fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/23 f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika l-lista ta' membri u osservaturi potenzjali u kwalunkwe bidla sussegwenti fiha lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tirrieżamina u taġġorna l-lista ta' membri u ta' osservaturi potenzjali mill-anqas darba fis-sena u fi kwalunkwe każ kull meta ssir kwalunkwe bidla f'dik il-lista.

Artikolu 2

Awtoritajiet ta' pajjiżi terzi bħala osservaturi fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni

1. Malli jirċievu talba rilevanti sabiex jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' membri tal-ikklerjar stabbiliti f'pajjiżi terzi jew mill-awtorità kompetenti jew mill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' CCPs ta' pajjiżi terzi li magħhom is-CCP tkun stabbiliet arranġamenti ta' interoperabbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/23, jew meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP ikollha l-intenzjoni li tistedinhom jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika t-talba jew l-intenzjoni li tistedinhom lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. Il-komunikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn dawn kollha li ġejjin:

(a) l-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, filwaqt li jitqiesu wkoll il-paragrafu 2, il-punti (b) u (c), dwar l-ekwivalenza tar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità applikabbli għall-osservatur potenzjali;

(b) it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2), il-punt (f) ta' dan ir-Regolament;

(c) l-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP dwar is-sinifikat tal-esponiment tal-membri tal-ikklerjar rilevanti ta' pajjiżi terzi jew CCPs interoperabbli;

(d) l-istabbiliment ta' skadenza għall-kulleġġ ta' riżoluzzjoni sabiex jieħu deċiżjoni dwar it-talba jew l-intenzjoni li jistedinhom sabiex jipparteċipaw fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, li mal-iskadenza ta' dan għandu jiġi preżunt il-kunsens tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. Sal-iskadenza stabbilita f'dan il-paragrafu, il-punt (d), kwalunkwe awtorità li ma taqbilx imsemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2021/23 tista' tesprimi l-oġġezzjoni motivata bis-sħiħ tagħha għall-opinjoni tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP imsemmija fil-punt (a). Meta tiġi espressa oġġezzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkunsidraha qabel ma tieħu d-deċiżjoni finali tagħha. Id-deċiżjoni finali tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP dwar it-talba jew l-intenzjoni li tistedinhom jipparteċipaw għandha tkun motivata bis-sħiħ u kkomunikata lill-membri kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għandha, jekk ikun rilevanti, tirrifletti r-raġunijiet għaliex ma tqisux il-fehmiet diverġenti.

3. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP tieħu d-deċiżjoni li tistieden awtorità ta' pajjiż terz sabiex tipparteċipa fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, kif previst fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/23, hija għandha tibgħat stedina lil osservaturi potenzjali. L-istedina għandha tkun akkumpanjata mit-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 5(2), il-punt (f) ta' dan ir-Regolament. L-osservatur potenzjali li jirċievi l-istedina għandu jitqies bħala osservatur mal-aċċettazzjoni tal-istedina, li għandha titqies bħala aċċettazzjoni tat-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi msemmija fl-Artikolu 5(2), il-punt (f).

4. Wara l-aċċettazzjoni tal-istedina, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tibgħat verżjoni aġġornata tal-lista msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 3

Komunikazzjoni mas-CCP

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiżgura interazzjoni regolari mas-CCP sabiex ittejjeb il-funzjonament effiċjenti u effettiv tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika lis-CCP l-istabbiliment tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u lista tal-membri u l-osservaturi tiegħu, jekk ikun hemm, kif ukoll kwalunkwe bidla f'dik il-lista.

Artikolu 4

Stabbiliment u aġġornament tal-listi ta' kuntatt

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha żżomm u taqsam mal-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni d-dettalji ta' kuntatt tal-persuni maħtura minn kull membru sabiex iwettqu l-kompiti tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni kif ukoll id-dettalji ta' kuntatt tal-persuni maħtura mill-osservaturi.

Id-dettalji ta' kuntatt imsemmija fl-ewwel subparagrafu għandhom jinkludu wkoll dettalji ta' kuntatt barra s-sigħat normali għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza.

2. Il-membri u l-osservaturi kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP tirċievi d-dettalji ta' kuntatt kollha tal-persuni ta' kuntatt rilevanti u tiġi informata, mingħajr dewmien żejjed, dwar il-bidliet rilevanti kollha.

Artikolu 5

Kontenut tal-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni

1. L-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub imsemmija fil-Artikolu 4(5), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/23 għandhom jinkludu mill-anqas l-identifikazzjoni tal-membri u tal-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni skont l-Artikoli 1 u 2 ta' dan ir-Regolament u għandhom jistabbilixxu qafas għall-kooperazzjoni bejn il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet u tal-kompiti tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. Il-qafas għall-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni għandu jinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) ir-regoli dwar il-governanza tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, il-lingwa ta' ħidma u l-proċeduri ta' votazzjoni tiegħu;

(b) il-kompiti u d-deċiżjonijiet li għandhom jitwettqu mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, inkluż id-dritt tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni li jifforma kumitati u l-proċeduri sabiex jinkiseb ftehim dwar il-formazzjoni ta' tali kumitati u d-delega ta' kompiti lilhom, flimkien ma' kwalunkwe kundizzjoni applikabbli;

(c) ir-responsabbiltajiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP bħala l-President tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmi fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament (UE) 2021/23 u fir-rigward tal-kompiti u d-deċiżjonijiet imsemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu;

(d) l-istruttura tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari kwalunkwe kumitat ifformat skont il-punt (b) u l-identifikazzjoni tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni li jipparteċipaw f'tali kumitati u osservaturi ammessi għal tali kumitati;

(e) it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, inkluż l-involviment tagħhom fil-kompiti u fid-deċiżjonijiet identifikati fil-punt (b);

(f) it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, inkluż l-involviment tagħhom fid-djalogi u fl-attivitajiet tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, kif ukoll id-drittijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-iskambju ta' informazzjoni, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 4, 8 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23. Għal dan il-għan, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiżgura li t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi ma jkunux aktar favorevoli mit-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti għall-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(g) arranġamenti ta' komunikazzjoni, kooperazzjoni u koordinazzjoni ta' kuljum kif ukoll f'sitwazzjoni ta' emerġenza, bħal aġġornamenti regolari dwar l-istruttura korporattiva u l-attivitajiet kummerċjali tas-CCP, inkluż it-tip ta' servizzi li tipprovdi, il-prodotti, il-klassijiet tal-assi u t-tipi ta' tranżazzjonijiet li tikklerja, is-CCPs, iċ-ċentri tan-negozjar, is-sistemi ta' pagament u d-depożitorji ċentrali tat-titoli u sistemi ta' saldu tat-titoli li hija marbuta magħhom u t-taħlita ġeografika ta' parteċipanti diretti u indiretti sinifikanti magħrufa mis-CCP;

(h) il-proċeduri għall-adozzjoni ta' deċiżjonijiet konġunti sa fejn dan ma jkunx kopert mir-Regolament (UE) 2021/23 u proċeduri sabiex jintlaħaq fehim komuni meta ma tkunx meħtieġa deċiżjoni konġunta iżda tali fehim komuni fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, jew fi ħdan kwalunkwe wieħed mill-kumitati tagħha, ikun jidher li huwa meħtieġ għall-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(i) arranġamenti għall-iskambju ta' informazzjoni kunfidenzjali u mhux kunfidenzjali kif stabbilit fl-Artikolu 8, inkluż l-ambitu u l-frekwenza rilevanti ta' tali skambju u l-kanali ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 8, 73 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23 u għar-rwol tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP bħala l-koordinatur għall-ġbir u t-tixrid tal-informazzjoni fost il-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, fejn applikabbli;

(j) deskrizzjoni tal-informazzjoni rilevanti li għandha tiġi kondiviża mal-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni b'mod partikolari b'rabta mal-ippjanar tar-riżoluzzjoni, il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà u kompiti oħrajn imsemmijin fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/23, anke fir-rigward tal-Artikoli 8, 73 u 80 ta' dak ir-Regolament u r-rwol tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(k) arranġamenti għat-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 8, 73 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23;

(l) il-proċeduri għat-tlaqqigħ u ż-żamma ta' laqgħat regolari u *ad hoc* imsemmija fl-Artikolu 7;

(m) arranġamenti relatati mal-interazzjoni bejn il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u l-kulleġġ superviżorju msemmi fl-Artikolu 2, il-punt (24), tar-Regolament (UE) 2021/23, inkluża l-koordinazzjoni tal-inputs mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u l-komunikazzjoni ta' tali input lil dak il-kulleġġ superviżorju fejn meħtieġ għall-finijiet tal-eżerċitar tal-kompiti tagħhom skont dak ir-Regolament;

(n) il-proċeduri fir-rigward tal-politika ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament;

(o) kwalunkwe ftehim ieħor li jikkonċerna l-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(p) kwalunkwe dispożizzjoni li tkopri l-arranġamenti għall-emendar u għall-waqfien.

Artikolu 6

Stabbiliment u aġġornament tal-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tħejji l-proposta tagħha għall-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika l-proposta tagħha lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għall-konsultazzjoni, filwaqt li tistieden lill-membri jipprovdu l-opinjoni tagħhom u tindika l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' tali opinjonijiet.

3. Meta l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmi fil-paragrafu 2 ma jippreżentaw l-ebda opinjoni sal-iskadenza, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tipproċedi bl-adozzjoni tal-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Meta l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jissottomettu opinjonijiet rigward il-proposta għall-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub skont il-paragrafu 2, huma għandhom jissottomettu dawk l-opinjonijiet, flimkien ma' spjegazzjoni bir-reqqa tal-kummenti u s-suġġerimenti pprovduti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP sal-iskadenza.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkunsidra l-opinjonijiet tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u tagħti raġuni għad-deċiżjoni tagħha meta ma tqisx dawk l-opinjonijiet; u għandha tipproċedi bl-adozzjoni tal-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub.

5. Malli tlestihom, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika l-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

6. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tirrieżamina u taġġorna l-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mill-anqas darba fis-sena u wara kwalunkwe bidla sostantiva fil-kompożizzjoni tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

7. Filwaqt li taġġorna l-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-membri l-oħrajn tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom isegwu l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 1 sa 6.

8. Il-membri u l-osservaturi kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom ikunu marbuta bl-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub adottati f'konformità ma' dan l-Artikolu.

Artikolu 7

Laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u attivitajiet oħrajn

1. Il-kulleġġi ta' riżoluzzjoni għandhom jorganizzaw laqgħa mill-anqas darba fis-sena. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, bil-kunsens tal-membri kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, filwaqt li tqis l-ispeċifiċitajiet tas-CCP, tista' tiddetermina frekwenza oħla tal-laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni filwaqt li tqis id-daqs, in-natura, l-iskala u l-kumplessità tas-CCP, l-implikazzjonijiet sistemiċi tas-CCP bejn il-ġuriżdizzjonijiet u l-muniti, l-impatt potenzjali tal-attivitajiet tas-CCP, iċ-ċirkostanzi esterni u t-talbiet potenzjali mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha torganizza laqgħat *ad hoc*, jew forom oħrajn ta' attivitajiet bejn il-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari meta jkun meħtieġ djalogu bejn il-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tħejji l-aġenda u l-objettivi tal-laqgħat ippjanati u attivitajiet oħrajn. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika l-abbozz tal-aġenda lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għal konsultazzjoni qabel il-laqgħa, tistedinhom jikkontribwixxi għaliha, u żżid punti fi skeda ta' żmien indikata.

4. Il-membri u l-osservaturi kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li r-rappreżentanti xierqa mill-istituzzjonijiet rispettivi tagħhom, fid-dawl tal-objettivi tal-laqgħa u attivitajiet oħrajn tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, jipparteċipaw fil-laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u f'attivitajiet oħrajn. Dawk il-membri u l-osservaturi għandhom jiżguraw ukoll li dawk ir-rappreżentanti jingħataw is-setgħa li jinvolvu, sa fejn ikun possibbli, lill-awtoritajiet tagħhom għal deċiżjonijiet meħuda f'dawk il-laqgħat jew attivitajiet oħrajn.

5. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiżgura li d-dokumenti rilevanti jiġu ċċirkolati mill-anqas 5 ijiem tax-xogħol qabel laqgħa jew attività partikolari tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, jew fi kwalunkwe perjodu ta' żmien ieħor miftiehem mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni. L-eżiti u d-deċiżjonijiet tal-laqgħat tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jew ta' attivitajiet oħrajn għandhom jiġu ddokumentati bil-miktub u l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiżgura li jiġu kkomunikati lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, sa fejn ikun rilevanti għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-laqgħa, fi żmien 15-il jum tax-xogħol wara l-laqgħa jew l-attività, jew fi kwalunkwe perjodu ta' żmien ieħor miftiehem mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha mill-anqas tiżgura li:

(a) il-laqgħat annwali tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jiddeċiedu dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni tas-CCP għaċ-ċiklu ta' riżoluzzjoni preċedenti u jiddiskutu l-progress li sar lejn ir-riżolvibbiltà tas-CCP;

(b) il-laqgħat jew l-attivitajiet tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jibqgħu effettivi, filwaqt li jiġi żgurat li l-membri u l-osservaturi kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jkunu informati bis-sħiħ dwar l-attivitajiet tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni li jkunu rilevanti għalihom;

(c) l-attivitajiet tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jiġu rieżaminati regolarment u tittieħed azzjoni ta' rimedju jekk il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni ma jkunx qiegħed jopera b'mod effettiv.

6. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha taġixxi bħala punt ta' kuntatt ċentrali għal kwalunkwe kwistjoni relatata mal-organizzazzjoni prattika tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 8

Skambju ta' informazzjoni

1. Soġġetti għall-Artikoli 8, 73 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jiżguraw li jiskambjaw l-informazzjoni essenzjali kollha li jirċievu minn kwalunkwe sors u li tkun rilevanti għall-attivitajiet tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. L-informazzjoni essenzjali msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun xierqa u akkurata, u kondiviża fil-ħin.

3. Soġġetti għall-Artikoli 8, 73 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2021/23 għandhom jiskambjaw l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex jiġi żgurat li ż-żewġ kulleġġi jissodisfaw ir-rwol tagħhom kif stabbilit fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2021/23.

4. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP tirċievi informazzjoni kif imsemmi fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, hija għandha tibgħatha lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, soġġetti għall-Artikoli 8, 73 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23.

5. Meta l-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jkun organizzat f'kumitati differenti, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha żżomm lill-membri u lill-osservaturi kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni informati bis-sħiħ, fil-ħin, dwar l-azzjonijiet meħuda, jew il-miżuri mwettqa, f'dawk il-kumitati.

6. Sakemm ma jkunx ipprovdut mod ieħor, il-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jista' juża kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni mal-membri u mal-osservaturi tiegħu sabiex jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. L-informazzjoni kunfidenzjali u sensittiva għandha tiġi kkomunikata permezz ta' mezzi siguri kemm jista' jkun. Fir-rigward ta' informazzjoni disponibbli pubblikament, ikun biżżejjed li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP tipprovdi r-referenza għal tali informazzjoni.

7. Meta jkun hemm sit web sigur tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, l-użu ta' dan is-sit web għandu jkun il-mezz ta' komunikazzjoni ewlieni.

8. Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa s-setgħat ta' ġbir ta' informazzjoni tal-awtorità kompetenti tas-CCP jew tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP.

Artikolu 9

Politika dwar il-komunikazzjoni

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tkun l-awtorità responsabbli għall-komunikazzjoni mas-CCP, u mal-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 2, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2021/23, meta din tal-aħħar tkun differenti mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP.

Artikolu 10

Komunikazzjoni esterna

Sa fejn ikun prattikabbli, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tinforma lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mill-anqas dwar dan li ġej:

(a) il-koordinazzjoni tal-komunikazzjoni esterna u tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi matul sitwazzjoni ta' tħassib li tkun għaddejja, f'sitwazzjoni li fiha s-CCP titqies li qiegħda tfalli jew probabbli li tfalli skont l-Artikolu 22, il-paragrafu 3, tar-Regolament (UE) 2021/23;

(b) il-livell ta' informazzjoni li għandha tiġi ddivulgata.

Artikolu 11

Sitwazzjonijiet ta' emerġenza

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tistabbilixxi u regolarment, mill-anqas darba fis-sena, il-proċeduri operazzjonali tal-ittestjar għall-funzjonament tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, b'mod partikolari dawk sistemiċi li jistgħu joħolqu theddid għall-vijabbiltà tas-CCP.

2. Il-proċeduri operazzjonali msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom ikopru tal-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) il-mezzi siguri ta' komunikazzjoni li għandhom jintużaw;

(b) is-sett ta' informazzjoni li għandha tiġi skambjata;

(c) il-persuni rilevanti li għandhom jiġu kkuntattjati;

(d) il-proċeduri ta' komunikazzjoni li għandhom jiġu segwiti mill-membri u mill-osservaturi rilevanti tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

KAPITOLU 2

IPPJANAR TAR-RIŻOLUZZJONI U DEĊIŻJONIJIET KONĠUNTI TAR-RIŻOLVIBBILTÀ

TAQSIMA 1

Proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

Artikolu 12

Ippjanar tal-istadji tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

1. Qabel il-bidu tal-proċess ta' deċiżjonijiet konġunti dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/23, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jaqblu dwar skeda ta' żmien tal-istadji li għandhom jiġu segwiti f'dak il-proċess ("skeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni").

F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tistabbilixxi dik l-iskeda ta' żmien wara li tikkunsidra l-fehmiet u r-riżervi espressi mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. L-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni għandha tiġi aġġornata mill-anqas darba fis-sena mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għandha tinkludi l-istadji kollha li ġejjin, li għandhom jiġu implimentati f'sekwenza li tiġi miftiehma mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni jew stabbilita mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP kif stabbilit fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu:

(a) djalogu preliminari fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar l-istrateġija ta' riżoluzzjoni tas-CCP, bi tħejjija għad-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà;

(b) is-CCP tintalab tagħti l-informazzjoni meħtieġa għat-tfassil tal-pjan ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/23 u t-twettiq tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament;

(c) is-sottomissjoni mis-CCP tal-informazzjoni mitluba fil-punt (b) direttament lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(d) it-trażmissjoni tal-informazzjoni li l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP tirċievi mis-CCP lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u indikazzjoni ta' skadenza għal kwalunkwe talba għal informazzjoni addizzjonali;

(e) is-sottomissjoni ta' kontributi għall-iżvilupp tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mill-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(f) is-sottomissjoni tal-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u tal-abbozz tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(g) is-sottomissjoni tal-kummenti possibbli dwar l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u dwar l-abbozz tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(h) diskussjoni mas-CCP dwar l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, fejn jitqies xieraq mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(i) djalogu fil-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà;

(j) iċ-ċirkolazzjoni tal-abbozz ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(k) djalogu dwar l-abbozz ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u dwar il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà fejn jitqies meħtieġ mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(l) tintlaħaq deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u dwar il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà;

(m) il-komunikazzjoni tal-konklużjoni tad-deċiżjoni konġunta lis-CCP flimkien ma' sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan ta' riżoluzzjoni.

3. L-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni għandha:

(a) tirrifletti l-ambitu u l-kumplessità ta' kull stadju tal-proċess tad-deċiżjonijiet konġunti;

(b) tqis l-iskeda ta' żmien ta' deċiżjonijiet konġunti oħrajn li għandhom jittieħdu mill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(c) tqis, kemm jista' jkun, l-iskeda ta' żmien ta' deċiżjonijiet konġunti oħrajn li għandhom jittieħdu mill-kulleġġ superviżorju rilevanti, b'mod partikolari l-iskeda ta' żmien tad-deċiżjoni konġunta dwar ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-pjan ta' rkupru f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2021/23.

Artikolu 13

Elementi ta' skeda ta' żmien ta' deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni

1. Meta jkunu qegħdin jabbozzaw l-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni, l-awtoritajiet involuti, jew l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP meta taġixxi waħedha, għandhom iqisu l-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) 2021/23 dwar il-ħtieġa ta' valutazzjoni simultanja tar-riżolvibbiltà u s-sospensjoni tal-proċess sabiex jiġu indirizzati l-impedimenti materjali u għandhom jiżguraw li l-iskadenzi rilevanti previsti fl-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni jiġu aġġustati kif xieraq.

2. Meta tkun qiegħda tabbozza l-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tqis it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi kif stabbiliti fl-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmija fl-Artikolu 4(4) u fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/23.

3. L-aspetti li ġejjin tal-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni għandhom jiġu kkomunikati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP lis-CCP:

(a) data mistennija meta x'aktarx li ssir it-talba tal-informazzjoni meħtieġa għat-tfassil tal-pjan ta' riżoluzzjoni tal-grupp u li fiha x'aktarx titwettaq il-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikolu 12(2), il-punt (b) ta' dan ir-Regolament, u l-iskadenza għas-sottomissjoni ta' dik l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 12(2), il-punt (c) ta' dan ir-Regolament;

(b) data mistennija għall-organizzazzjoni tad-diskussjoni msemmija fl-Artikolu 12(2), il-punt (h) ta' dan ir-Regolament, fejn rilevanti;

(c) data mistennija għall-komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2), il-punt (m) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Djalogu preliminari dwar l-istrateġija tar-riżoluzzjoni

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha torganizza djalogu preliminari mal-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni rilevanti sabiex twettaq dan kollu li ġej:

(a) diskussjoni ta' proposta preliminari fuq l-istrateġija ta' riżoluzzjoni għas-CCP;

(b) il-verifika ta' jekk hemmx partijiet mill-informazzjoni meħtieġa għall-iżvilupp tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà li diġà huma disponibbli għal kwalunkwe waħda mill-awtoritajiet kompetenti, u l-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2021/23;

(c) l-istabbiliment tal-informazzjoni addizzjonali li għandha tintalab mingħand is-CCP;

(d) il-qbil dwar kwalunkwe kontribut meħtieġ mill-awtoritajiet rilevanti, kemm jekk awtoritajiet ta' riżoluzzjoni kif ukoll jekk le, mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għall-iżvilupp tal-pjan ta' riżoluzzjoni u t-twettiq tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà.

Artikolu 15

Informazzjoni mis-CCP

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha titlob lis-CCP l-informazzjoni kollha meħtieġa f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/23, filwaqt li tqis l-eżitu tad-djalogu previst fl-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika b'mod ċar lis-CCP l-iskadenza għall-għoti ta' tali informazzjoni.

3. Is-CCP għandha tipprovdi l-informazzjoni mitluba lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP fil-ħin, iżda mhux aktar tard mill-iskadenza stabbilita skont il-paragrafu 2.

Artikolu 16

Trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha, mingħajr dewmien żejjed, tibgħat l-informazzjoni riċevuta f'konformità mal-Artikolu 15, u soġġetta għall-Artikolu 8 ta' dan ir-Regolament, lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għandha tistedinhom jipprovdu kummenti dwar jekk hijiex meħtieġa informazzjoni addizzjonali f'perjodu ta' żmien speċifiku.

2. Kwalunkwe membru tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni li jirċievi informazzjoni jista' jitlob informazzjoni addizzjonali mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP fil-perjodu ta' żmien speċifikat skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, meta l-awtorità riċeventi tqis li l-informazzjoni addizzjonali hija rilevanti għall-iżvilupp u ż-żamma tal-pjan ta' riżoluzzjoni tas-CCP jew għat-twettiq tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà. F'dan il-każ, id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw kif xieraq.

3. It-trażmissjoni ta' informazzjoni mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni msemmijin fil-paragrafu 2 ma għandhiex titqies li tkun saret għalkollox qabel it-trażmissjoni proprja tal-informazzjoni inizjali kif ukoll ta' dik sussegwenti.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, filwaqt li tqis il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, għandha tikkomunika lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni d-data tal-bidu tal-perjodu ta' erba' xhur sabiex tintlaħaq id-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/23.

5. Il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jiskambjaw informazzjoni addizzjonali meħtieġa sabiex jiffaċilitaw it-tfassil tal-pjan ta' riżoluzzjoni u t-twettiq tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, soġġetti għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikoli 8, 73 u 80 tar-Regolament (UE) 2021/23.

Artikolu 17

Żvilupp u ċirkolazzjoni tal-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u tal-abbozz tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

1. Il-membri u l-osservaturi kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jipprovdu lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP il-kontributi tagħhom għall-pjan ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà fil-ħin u fi kwalunkwe każ sal-iskadenza stabbilita fl-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 12(2), il-punt (e) ta' dan ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiżviluppa l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2021/23, filwaqt li tqis kwalunkwe kontribut sottomess mill-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni rilevanti.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiċċirkola l-kontributi msemmija fil-paragrafu 1, l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-abbozz tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni fil-ħin, madankollu mhux aktar tard mill-iskadenza stabbilita fl-Artikolu 12(2), il-punt (j) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Diskussjoni mas-CCP

Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP torganizza diskussjoni mas-CCP dwar l-elementi ewlenin tal-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni, abbażi tal-opinjoni riċevuta mis-CCP f'konformità mal-Artikolu 12(8) tar-Regolament (UE) 2021/23, u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mas-CCP skont l-Artikolu 12(2), il-punt (h), ta' dan ir-Regolament, hija għandha tagħmel dan fil-ħin u fi kwalunkwe każ sal-iskadenzi stabbiliti fil-istadju rilevanti tal-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni kwalunkwe osservazzjoni sottomessa mis-CCP rigward l-elementi ewlenin tal-pjan ta' riżoluzzjoni, inkluża l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, matul din il-konsultazzjoni.

Artikolu 19

Djalogu dwar l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-abbozz tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha torganizza djalogu dwar l-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni u l-abbozz tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà mal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni fil-ħin skont l-Artikolu 12(2), il-punt (i) ta' dan ir-Regolament, madankollu mhux aktar tard mill-iskadenzi stabbiliti fl-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għal pjan ta' riżoluzzjoni.

Meta s-CCP tkun parti minn grupp korporattiv li jkun fih CCP(s) oħrajn, l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandhom jorganizzaw bejniethom diskussjoni dwar l-abbozz tal-pjanijiet ta' riżoluzzjoni u l-abbozzi tal-valutazzjonijiet tar-riżolvibbiltà.

2. Fuq il-bażi tad-djalogu msemmi fil-paragrafu 1, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiffinalizza l-pjan ta' riżoluzzjoni korrispondenti tas-CCP u t-twettiq tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà.

3. Meta jinstabu impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà, għandu japplika l-Artikolu 24(1) ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 20

Abbozzar tad-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tħejji abbozz ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tas-CCP. L-abbozz ta' deċiżjoni konġunta jistabbilixxi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-ismijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni li jilħqu d-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà tas-CCP;

(b) l-ismijiet tal-osservaturi meta dawk l-osservaturi kienu involuti f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi kif stabbilit fl-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub imsemmija fl-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament;

(c) sommarju tal-fehmiet li esprimew l-awtoritajiet ikkonsultati fil-proċess ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà;

(d) ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli relatati mat-tħejjija, l-iffinalizzar u l-applikazzjoni tad-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà;

(e) id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, u ta' kwalunkwe aġġornament rilevanti tagħha;

(f) il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, inkluża kwalunkwe miżura sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2021/23, li għalihom tittieħed id-deċiżjoni konġunta. Meta s-CCP tkun fil-proċess li timplimenta dawk il-miżuri, għandha tiġi pprovduta wkoll informazzjoni dwar l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

Artikolu 21

Ilħuq ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tibgħat l-abbozz tad-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li tistabbilixxi skadenza għall-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bid-dritt tal-vot sabiex jipprovdu l-ftehim bil-miktub tagħhom għal dik id-deċiżjoni konġunta, f'konformità mal-Artikolu 8(6) ta' dan ir-Regolament.

2. Malli jirċievu l-abbozz tad-deċiżjoni konġunta, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bid-dritt tal-vot li ma jaqblux għandhom jibagħtu l-ftehim bil-miktub tagħhom lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP sal-iskadenza stabbilita skont il-paragrafu 1.

3. Id-deċiżjoni konġunta finali għandha tikkonsisti fid-dokument tad-deċiżjoni konġunta abbozzat f'konformità mal-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, il-ftehimiet bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, u l-ftehim tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika d-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 22

Komunikazzjoni ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u sommarju tiegħu lis-CCP

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika d-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni, u sommarju tal-elementi ewlenin tal-pjan ta' riżoluzzjoni, inkluż tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, lill-korp maniġerjali tas-CCP fil-ħin u fi kwalunkwe każ sal-iskadenza stabbilita fl-iskeda ta' żmien tad-deċiżjoni konġunta għal pjan ta' riżoluzzjoni.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tinforma lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar dik il-komunikazzjoni.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tispjega l-elementi ewlenin tad-deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà lis-CCP.

Artikolu 23

Proċess fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta bejn il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni fi żmien 4 xhur mid-data tat-trażmissjoni tal-abbozz tal-pjan ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) 2021/23, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tieħu d-deċiżjoni dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, li għandha tiġi kkomunikata bil-miktub mingħajr dewmien żejjed lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni permezz ta' dokument li jkun fih l-entrati kollha li ġejjin:

(a) l-isem tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP;

(b) l-isem tas-CCP;

(c) ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli relatati mat-tħejjija, l-iffinalizzar u l-applikazzjoni tad-deċiżjoni;

(d) id-data tad-deċiżjoni;

(e) il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, inkluża kwalunkwe miżura sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikoli 15 u 16 tar-Regolament (UE) 2021/23, li għalihom tittieħed id-deċiżjoni. Meta s-CCP tkun fil-proċess li timplimenta dawk il-miżuri, għandha tiġi pprovduta wkoll l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom;

(f) l-ismijiet tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni involuti fil-proċess ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, flimkien ma' sommarju tal-fehmiet espressi minn dawk il-membri u informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li jwasslu għal nuqqas ta' qbil;

(g) kummenti tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP dwar il-fehmiet espressi mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet li jwasslu għal nuqqas ta' qbil u l-possibbiltà għal kwalunkwe wieħed mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bid-dritt tal-vot li jirreferi dawk il-kwistjonijiet lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

TAQSIMA 2

Deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti

Artikolu 24

Sospensjoni tal-proċess ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà

1. Meta l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, f'kooperazzjoni mal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, tidentifika impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà, jew taċċetta opinjoni dwar l-impedimenti materjali identifikati espressi minn kwalunkwe membru jew osservatur tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni u l-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, hija għandha tissottometti rapport lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/23. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP b'hekk għandha tindika s-sospensjoni tal-proċess ta' deċiżjoni konġunta f'konformità mal-Artikolu 16(2) ta' dak ir-Regolament.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha terġa' tibda l-proċess ta' deċiżjoni konġunta dwar il-pjan ta' riżoluzzjoni, inkluż it-twettiq tal-valutazzjoni tar-riżolvibbiltà, mat-tlestija tal-proċessi ta' deċiżjoni konġunta msemmija fl-Artikolu 17(3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/23 dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà proposti mis-CCP f'konformità mal-Artikolu 16(3) ta' dak ir-Regolament jew dwar miżuri alternattivi mill-awtorità ta' riżoluzzjoni skont l-Artikolu 16(4) ta' dak ir-Regolament.

Artikolu 25

Ippjanar tal-istadji tal-proċessi tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti

1. Qabel il-bidu tal-proċessi tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà, u miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti f'konformità mal-Artikolu 17(2), (3) u (4) tar-Regolament (UE) 2021/23, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jaqblu dwar skeda ta' żmien tal-istadji li għandhom jiġu segwiti f'dak il-proċess ("skeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali").

F'każ ta' nuqqas ta' qbil dwar l-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tistabbilixxi dik l-iskeda ta' żmien wara li tikkunsidra l-fehmiet u kwalunkwe riżerva espressa mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. L-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għandha tinkludi l-istadji li ġejjin:

(a) it-tħejjija u ċ-ċirkolazzjoni tar-rapport dwar l-impedimenti materjali identifikati f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti tas-CCP;

(b) is-sottomissjoni tar-rapport skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP lis-CCP u lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(c) id-data meta s-CCP tissottometti lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP l-osservazzjonijiet u l-miżuri alternattivi tagħha sabiex tirrimedja l-impedimenti materjali, jekk ikun hemm, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/23;

(d) djalogu bejn l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-membri u l-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar kwalunkwe osservazzjoni jew miżura alternattiva rilevanti sabiex jiġu rrimedjati l-impedimenti materjali proposti mis-CCP skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/23;

(e) l-iżvilupp tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti skont l-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2021/23;

(f) il-finalizzazzjoni tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti skont l-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2021/23;

(g) il-komunikazzjoni lis-CCP tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti skont l-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2021/23.

3. L-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għandha tiġi rieżaminata u aġġornata mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP sabiex tirrifletti l-estensjoni tal-proċess tad-deċiżjonijiet konġunti fejn is-CCP tippreżenta osservazzjonijiet u tipproponi kwalunkwe miżura alternattiva sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/23.

4. Meta tkun qiegħda tfassal l-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tqis it-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi kif stabbiliti fl-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u fl-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) 2021/23.

5. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika lis-CCP dawk l-aspetti tal-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali li jipprevedu l-involviment tas-CCP.

Artikolu 26

Konsultazzjoni u komunikazzjoni tar-rapport lis-CCP

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tħejji abbozz ta' rapport dwar l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà f'konformità mal-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) 2021/23 u tibgħatha lill-awtorità kompetenti tas-CCP u lill-ESMA.

2. Il-kummenti u l-fehmiet riċevuti dwar l-abbozz tar-rapport għandhom jiġu kkunsidrati mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għall-finijiet tal-finalizzazzjoni tar-rapport.

3. Mal-finalizzazzjoni, ir-rapport għandu jiġi pprovdut lis-CCP u lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni l-bidu tal-perjodu ta' erba' xhur skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/23 sabiex is-CCP tipproponi miżuri ħalli jiġu indirizzati impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà.

Artikolu 27

Sottomissjoni tal-osservazzjonijiet tas-CCP u konsultazzjoni mal-awtoritajiet

1. Meta s-CCP tipproponi lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, fi żmien 4 xhur mid-data tal-wasla tar-rapport f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/23, miżuri alternattivi sabiex jiġu rrimedjati l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tibgħat dawk il-miżuri lill-membri u lill-osservaturi l-oħrajn tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed u, fi kwalunkwe każ, fi żmien 10 ijiem tax-xogħol.

2. Meta tkun qiegħda tiċċirkola l-miżuri alternattivi ppreżentati mis-CCP, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tistabbilixxi skadenza għas-sottomissjoni tal-kummenti mill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

3. Meta l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni ma jipprovdux il-kummenti tagħhom sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 2, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tippreżumi li dawk il-membri ma jkollhom l-ebda kumment dwar il-miżuri alternattivi sottomessi mis-CCP u għandha tipproċedi kif xieraq.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiċċirkola, mingħajr dewmien żejjed, kwalunkwe kumment ippreżentat minn membru tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni lill-membri l-oħrajn kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u għandha tiddiskuti magħhom il-miżuri proposti sottomessi mis-CCP sabiex tindirizza l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà.

5. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni għandhom jiddiskutu u jikkunsidraw kif xieraq l-impatt potenzjali tal-miżuri proposti fuq is-CCP, fuq l-Istati Membri kollha fejn topera s-CCP, u fuq l-Unjoni kollha kemm hi.

Artikolu 28

Abbozzar ta' deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha, filwaqt li tqis l-eżitu tad-djalogu msemmi fl-Artikolu 27(5) ta' dan ir-Regolament, tħejji abbozzi ta' deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti.

2. Kull abbozz tad-deċiżjoni konġunta għandu jistabbilixxi dawn kollha li ġejjin:

(a) l-isem tas-CCP li magħha hija relatata u tapplika d-deċiżjoni konġunta;

(b) l-ismijiet tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni li jaslu għad-deċiżjoni konġunta;

(c) l-ismijiet tal-osservaturi meta dawk l-osservaturi kienu involuti fil-proċess ta' deċiżjoni konġunta f'konformità mat-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-osservaturi kif stabbiliti fl-arranġamenti u l-proċeduri bil-miktub tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni;

(d) sommarju tal-fehmiet li esprimew l-awtoritajiet ikkonsultati fil-proċess ta' deċiżjoni konġunta;

(e) ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli relatati mat-tħejjija, l-iffinalizzar u l-applikazzjoni tad-deċiżjoni konġunta;

(f) id-data tad-deċiżjoni konġunta;

(g) l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà;

(h) il-valutazzjoni tal-miżuri proposti mis-CCP skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2021/23;

(i) il-miżuri identifikati skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) 2021/23, u elenkati fl-Artikolu 16(7) ta' dak ir-Regolament miftiehma mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni u l-perjodu ta' żmien li fih l-entitajiet rispettivi għandhom jindirizzaw dawk il-miżuri;

(j) meta l-miżuri proposti mis-CCP ma jiġux aċċettati jew jiġu aċċettati parzjalment mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, spjegazzjoni ta' kif il-miżuri proposti mis-CCP huma vvalutati bħala miżuri li ma humiex xierqa għat-tneħħija tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u kif il-miżuri msemmijin fil-punt (i) inaqqsu jew ineħħu b'mod effettiv tali impedimenti.

Artikolu 29

Iħuq ta' deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar il-miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tibgħat abbozzi ta' deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar il-miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti deskritti fl-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2021/23 lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni mingħajr dewmien żejjed, filwaqt li tistabbilixxi skadenza għall-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bid-dritt tal-vot sabiex jipprovdu l-ftehim bil-miktub tagħhom għal dawk id-deċiżjonijiet konġunti, f'konformità mal-Artikolu 8(6) ta' dan ir-Regolament.

2. Malli jirċievu l-abbozz tad-deċiżjonijiet konġunti, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bid-dritt tal-vot li ma jaqblux miegħu għandhom jibagħtu l-ftehim bil-miktub tagħhom lill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP sal-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1.

3. Kull deċiżjoni konġunta finali għandha tikkonsisti fid-dokument tad-deċiżjoni konġunta abbozzat f'konformità mal-Artikolu 28 ta' dan ir-Regolament, il-ftehimiet bil-miktub imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-ftehim tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP. Din għandha tiġi pprovduta lill-membri kollha tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

4. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika d-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti lill-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

Artikolu 30

Komunikazzjoni lis-CCP tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti

1. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika d-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti lill-korp maniġerjali tas-CCP fil-ħin u, fi kwalunkwe każ, sal-iskadenza stabbilita fl-iskeda ta' żmien tad-deċiżjonijiet konġunti għall-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tinforma lill-membri u lill-osservaturi tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni dwar il-komunikazzjoni.

2. Meta xi wħud mill-miżuri meħuda f'konformità mal-Artikolu 16(7) tar-Regolament (UE) 2021/23 jiġu indirizzati lil entitajiet għajr is-CCP, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiżgura li hija, jew l-awtoritajiet kompetenti ta' dawk l-entitajiet, jipprovdu lill-korpi maniġerjali ta' dawk l-entitajiet taħt il-ġuriżdizzjoni tagħhom il-partijiet rispettivi tad-deċiżjoni konġunta dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà, fil-ħin u, fi kwalunkwe każ, sal-iskadenza stabbilita fl-iskeda ta' żmien tad-deċiżjoni konġunta għall-identifikazzjoni ta' impedimenti materjali.

3. Fejn meħtieġ, l-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP tista' tiddiskuti mas-CCP id-dettalji tal-kontenut u l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti deskritti fl-Artikolu 17(1), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2021/23.

Artikolu 31

Monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet konġunti

1. L-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandhom jikkomunikaw l-eżitu tad-diskussjoni, jekk issir, imsemmija fl-Artikolu 30(3) ta' dan ir-Regolament, lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni.

2. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tikkomunika l-eżitu tad-diskussjoni, jekk issir, imsemmija fl-Artikolu 30(2) ta' dan ir-Regolament lill-awtorità ta' riżoluzzjoni ta' kwalunkwe CCP, depożitarji ċentrali tat-titoli jew istituzzjonijiet ta' kreditu oħrajn li jkunu parti mill-istess grupp jew li magħhom is-CCP ikollha rabta ta' interoperabbiltà.

3. L-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u, fejn rilevanti, il-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni, għandhom jimmonitorjaw l-applikazzjoni tad-deċiżjonijiet konġunti dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti li huma rilevanti għal kull waħda mill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 2 li għalihom huma rispettivament responsabbli, skont il-każ.

Artikolu 32

Proċess fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta dwar miżuri li jindirizzaw impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà

Fin-nuqqas ta' deċiżjoni konġunta dwar miżuri li jindirizzaw impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà kif imsemmi fl-Artikolu 17(8) tar-Regolament (UE) 2021/23, id-deċiżjoni meħuda mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP għandha tiġi kkomunikata bil-miktub mingħajr dewmien lill-kulleġġ ta' riżoluzzjoni permezz ta' dokument li jkun dan kollu li ġej:

(a) l-isem tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP li tieħu d-deċiżjoni;

(b) l-isem tas-CCP u tal-entitajiet li magħhom hija marbuta d-deċiżjoni u li għalihom din tapplika;

(c) ir-referenzi għal-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali applikabbli relatati mat-tħejjija, l-iffinalizzar u l-applikazzjoni tad-deċiżjoni;

(d) id-data tad-deċiżjoni;

(e) l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà;

(f) il-miżuri identifikati skont l-Artikolu 16(7) tar-Regolament (UE) 2021/23 deċiżi mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP u l-iskadenza sa meta għandhom jiġu indirizzati dawk il-miżuri;

(g) meta l-miżuri proposti mis-CCP ma jiġux aċċettati jew jiġu aċċettati parzjalment mill-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP, spjegazzjoni ta' kif il-miżuri proposti mis-CCP huma vvalutati bħala miżuri li ma humiex xierqa għat-tneħħija tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u kif il-miżuri stipulati fil-punt (f) ta' dan il-paragrafu jnaqqsu jew ineħħu b'mod effettiv l-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà;

(h) l-ismijiet tal-membri tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni involuti fil-proċess ta' deċiżjoni konġunta dwar l-identifikazzjoni tal-impedimenti materjali għar-riżolvibbiltà u dwar miżuri sabiex jiġu indirizzati jew jitneħħew tali impedimenti, flimkien ma' sommarju tal-fehmiet espressi minn dawk il-membri u informazzjoni dwar il-kwistjonijiet li jwasslu għal nuqqas ta' qbil;

(i) il-kummenti tal-awtorità ta' riżoluzzjoni tas-CCP dwar il-fehmiet espressi mill-membri tal-awtorità ta' riżoluzzjoni, b'mod partikolari dwar il-kwistjonijiet li wasslu għan-nuqqas ta' qbil;

(j) il-possibbiltà għal kwalunkwe membru tal-kulleġġ ta' riżoluzzjoni bid-dritt tal-vot li jirreferi dawk il-kwistjonijiet lill-ESMA f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 33

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Marzu 2023.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN